SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

24 ta' Settembru 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Data personali – Protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-data li tinsab fuq il-paġni tal-internet – Direttiva 95/46/KE – Regolament (UE) 2016/679 – Muturi ta' tfittxija tal-internet – Ipproċessar ta' data li tinsab f'siti tal-internet – Kategoriji speċifiċi msemmija fl-Artikolu 8 ta' din id-direttiva u fl-Artikoli 9 u 10 ta' dan ir-regolament – Applikabbiltà ta' dawn l-artikoli għall-operatur ta' mutur ta' tfittxija – Portata tal-obbligi ta' dan l-operatur fir-rigward tal-imsemmija artikoli – Pubblikazzjoni ta' data fuq siti tal-internet sempliċement għal finijiet ġurnalistiċi jew ta' espressjoni artistika jew letterarja – Effett fuq l-ipproċessar ta' talba għat-tneħħija ta' referenza – Artikoli 7, 8 u 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

Fil-Kawża C-136/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Marzu 2017, fil-proċedura

GC,

AF,

BH,

ED

vs

Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL),

fil-preżenza ta':

Premier ministre,

Google LLC, aventi kawża ta' Google Inc.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Arabadjiev, A. Prechal, T. von Danwitz, C. Toader u F. Biltgen, Presidenti ta' Awla, M. Ilešič (Relatur), L. Bay Larsen, M. Safjan, D. Šváby, C. G. Fernlund, C. Vajda u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Settembru 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal AF, minnu stess,

– għal BH, minn L. Boré, avukat,

– għall-Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL), minn I. Falque-Pierrotin, J. Lessi u G. Le Grand, bħala aġenti,

– għal Google LLC, minn P. Spinosi, Y. Pelosi u W. Maxwell, avukati,

– għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas, R. Coesme, E. de Moustier u S. Ghiandoni, bħala aġenti,

– għall-Irlanda, minn M. Browne, G. Hodge, J. Quaney u A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn M. Gray, BL,

– għall-Gvern Elleniku, minn E.-M. Mamouna, G. Papadaki, E. Zisi u S. Papaioannou, bħala aġenti,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. De Luca u P. Gentili, avvocati dello Stato,

– għall-Gvern Awstrijak, minn G. Eberhard u G. Kunnert, bħala aġenti,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, M. Pawlicka u J. Sawicka, bħala aġenti,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Brandon, bħala aġent, assistit minn C. Knight, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Buchet, H. Kranenborg u D. Nardi, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn GC, AF, BH u ED, minn naħa, u l-Commission nationale de l'informatique et des libertés (il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Informatika u tal-Libertajiet, Franza, iktar 'il quddiem iċ-"CNIL") dwar erba' deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar fejn irrifjutat li tintima lil Google Inc., li saret Google LLC, sabiex tipproċedi bit-tneħħija tar-referenzi ta' diversi links inklużi fil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija magħmula abbażi tal-isem tagħhom, u li jwasslu għal paġni tal-internet ippubblikati minn terzi.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 95/46

3 Skont l-Artikolu 1(1) tagħha, id-Direttiva 95/46 għandha l-għan li tipproteġi l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi, b'mod partikolari għall-ħajja privata, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, kif ukoll l-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment liberu ta' dik id-data.

4 Il-premessi 33 u 34 tad-Direttiva 95/46 jistipulaw:

"(33) Billi data li minn natura tagħha tista' tikser il-libertajiet fundamentali jew id-dritt għall-ħajja privata m'għandhiex tkun ipproċessata jekk is-suġġett tad-data ma jagħtix il-kunsens espliċitu tiegħu; billi, iżda, derogi għal din il-projbizzjoni għandhom jissemmew espliċitament dwar ħtiġijiet speċifiċi […]

(34) Billi Stati Membri għandhom ukoll ikunu awtorizzati, meta dan ikun ġustifikat minħabba interess pubbliku ta' importanza, li jidderogaw mill-projbizzjoni dwar l-ipproċessar ta' kategoriji sensittivi ta' data […]; billi huma għandhom id-dmir, iżda, li jipprovdu protezzjoni speċifika u tajba biżżejjed biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali u l-ħajja privata ta' individwi".

5 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'data personali' tfisser kull data li jkollha x'taqsam ma' persuna naturali identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-data'); […]

(b) 'ipproċessar ta' data personali' ('ipproċessar') tfisser kull operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jsiru fuq data personali, b'mezzi awtomatiċi jew mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, reġistrazzjoni, organizzazzjoni, ħażna, adattament jew bdil, rkupru, konsultazzjoni, użu, żvelar bi trasmissjoni, tixrid jew li xort'oħra jagħmlu l-ipproċessar disponibbli jew li jġibu allineament, taħlita, imblokk, tħassir jew distruzzjoni;

[…]

(d) 'kontrollur' tfisser persuna naturali jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li waħdu jew flimkien ma' oħrajn jiddetermina l-finijiet u l-mezzi ta' l-ipproċessar ta' data personali; […]

[…]

(h) 'il-kunsens tas-suġġett tad-data' tfisser indikazzjoni speċifika u infurmata tax-xewqa tiegħu mogħtija liberament li biha s-suġġett tad-data jaqbel li jsir l-ipproċessar ta' data personali dwaru."

6 Taħt it-Taqsima I tal-Kapitolu II tal-imsemmija direttiva, intitolata "Prinċipji dwar il-kwalità tad-data", l-Artikolu 6 ta' din l-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Stati Membri għandhom jipprovdu li data personali għandu jkun:

(a) ipproċessat b'mod ġust u skond il-liġi;

(b) miġbur għal finijiet speċifiċi, espliċiti u leġittimi u mhux ipproċessat aktar b'mod li ma jkunx kompatibbli ma dawk il-finijiet. […]

(ċ) adekwat, rilevanti u mhux eċċessiv għall-finijiet li għalih jinġab u/jew jiġi iktar ipproċessat;

(d) eżatt u, fejn meħtieġ, jinżamm aġġornat; għandu jsir dak kollu raġjonevoli biex ikun assigurat li data li ma tkunx eżatta jew mhux kompleta, meħud kont tal-finijiet li għalihom kien inġabar jew li għalihom ikun sar iktar ipproċessar, jitħassar jew jissewwa;

(e) miżmum b'mod li jippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-data għal mhux iktar milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-data tkun inġabret jew li għalihom tkun iktar ipproċessata. Stati Membri għandhom jistabbilixxu protezzjoni xierqa għal data personali maħżuna għal perijodi itwal għal użu storiku, ta' statistika jew xjentifiku.

2. Għandu jkun il-kontrollur li jassigura konformità mal-paragrafu 1."

7 Taħt it-Taqsima II tal-Kapitolu II tad-Direttiva 95/46, intitolata "Kriterji biex l-ipproċessar ta' data jkun leġittimu", l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, jipprovdi:

"Stati Membri għandhom jipprovdu li data personali jista' jkun ipproċessat biss jekk:

[…]

(f) l-ipproċessar ikun meħtieġ għall-finijiet ta' l-interessi leġittimi li jkollu l-kontrollur jew il-parti terza jew il-partijiet li lilhom ikun żvelat id-data, ħlief meta dawk l-interessi jiġu wara l-interessi ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tas-suġġett tad-data li jkun jeħtiġilhom protezzjoni skond l-Artikolu 1(1)."

8 Taħt it-Taqsima III tal-Kapitolu II tal-imsemmija direttiva, intitolata "Kategoriji speċjali ta' ipproċessar", jinsabu l-Artikoli 8 u 9 ta' din l-istess direttiva. Dan l-Artikolu 8, intitolat "L-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data", jipprevedi:

"1. Stati Membri għandhom jipprojbixxu l-ipproċessar ta' data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, sħubija trade-unjonistika, u l-ipproċessar ta' data dwar saħħa jew ħajja sesswali.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn:

(a) is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens espliċitu tiegħu għall-ipproċessar ta' dak id-data, ħlief jekk il-liġijiet ta' l-Istat Membru jipprovdu li l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tkunx tista' titneħħa minkejja li s-suġġett tad-data jkun ta l-kunsent tiegħu;

jew

[…]

(e) l-ipproċessar ikun dwar data li b'mod ċar ikun sar pubbliku mis-suġġett tad-data jew li jkun meħtieġ biex ikunu stabbiliti, eżerċitati jew protetti talbiet legali.

[…]

4. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni xierqa, Stati Membri jistgħu, għall-finijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, jistabbilixxu eżenzjonijiet b'żjieda ma dawk stabbiliti f'Paragrafu 2 permezz ta' liġi nazzjonali jew b'deċiżjoni ta' l-awtorità ta' superviżjoni.

5. L-ipproċessar ta' data dwar offiżi, kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà jista' jsir biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali, jew jekk tkun hemm provduta protezzjoni speċifiċa xierqa taħt il-liġi nazzjonali, skond derogi li jistgħu jingħataw mill-Istat Membru permezz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprovdu għal protezzjoni speċifiċa xierqa. Iżda reġistru komplut ta' kundanni kriminali jista' jinżamm biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali.

Stati Membri jistgħu jipprovdu li data dwar sanzjonijiet amministrattivi jew sentenzi f'każi ċivili għandhom ukoll ikunu pproċessati taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali.

[…]"

9 L-Artikolu 9 tad-Direttiva 95/46, intitolat "L-ipproċessar ta' data personali u libertà ta' l-espressjoni", jistabbilixxi:

"Stati Membri għandhom jipprovdu għal eżenzjonijiet jew derogi mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Kapitolu IV u l-Kapitolu VI dwar l-ipproċessar ta' data personali magħmul biss għal għanijiet ġurnalistiċi jew għall-iskop ta' espressjoni artistika jew letterarja jekk dawn ikunu meħtieġa biss biex jirrikonċiljaw id-dritt tal-ħajja parivata mar-regoli li jirregolaw il-libertà ta' l-espressjoni."

10 L-Artikolu 12 ta' din id-direttiva, intitolat "Dritt ta' aċċess", jipprevedi:

"Stati Membri għandhom jiggarantixxu lil kull suġġett tad-data d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur:

[…]

(b) skond kif jixraq, ir-rettifika, tħassir jew imblokk ta' data li l-ipproċessar tiegħu ma jkunx skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, partikolarment minħabba n-natura mhux kompluta jew mhux eżatta tad-data;

[…]"

11 L-Artikolu 14 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Id-dritt tas-suġġett tad-data li jagħmel oġġezzjoni", jipprovdi:

"Stati Membri għandhom jagħtu lis-suġġett tad-data d-dritt:

(a) li, bla ħsara għal dak provdut fil-liġijiet nazzjonali, mill-inqas fil-każi msemmija fl-Artikolu 7(e) u (f), jagħmel oġġezzjoni f'kull żmien kontra l-ipproċessar ta' data dwaru għal raġunijiet gravi u leġittimi dwar is-sitwazzjoni partikolari tiegħu. Meta jkun hemm oġġezzjoni ġustifikata, l-ipproċessar mibdi mill-kontrollur jista' ma jibqax juża dak id-data;

[…]"

12 L-Artikolu 28 tal-istess direttiva, intitolat "Awtorità ta' superviżjoni", huwa fformulat kif ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li awtorità pubblika waħda jew aktar ikunu responsabbli tas-sorveljanza ta' l-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skond din id-Direttiva.

[…]

3. Kull awtorità għandha jkollha partikolarment:

– setgħat investigattivi, bħalma huma setgħat ta' aċċess għal data li tagħmel parti mis-suġġett ta' operazzjonijiet ta' ipproċessar u setgħat għal ġbir ta' l-informazzjoni kollha meħtieġa biex twettaq id-dmirijiet tagħha ta' superviżjoni,

– setgħat effettivi ta' intervent, bħalma hu, per eżempju, dak […] li tordna l-imblokk, tħassir jew distruzzjoni ta' data, li ma tħallix għal xi żmien jew għal dejjem milli jsir ipproċessar […]

[…]

Deċiżjonijiet ta' l-awtorità ta' superviżjoni li jagħtu lok għal ilmenti jistgħu jkunu appellati fil-qrati.

4. Kull awtorità ta' superviżjoni għandha tisma' talbiet maghmulin minn kull persuna, jew minn għaqda li tirrappreżenta lil dik il-persuna, dwar il-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet tagħha fl-ipproċessar ta' data personali. Il-persuna kkonċernata għandha tkun mgħarrfa bir-riżultat tat-talba.

[…]

6. Kull awtorità ta' superviżjoni hija kompetenti, tkun liema tkun il-liġi nazzjonali li tkun applika għall-ipproċessar in kwistjoni, li teżerċita, fit-territorju ta' l-Istat Membru tagħha nfisha, is-setgħat mogħtija lilha skond il-paragrafu 3. Kull awtorità tista' tintalab li teżerċita s-setgħat tagħha minn awtorità ta' Stat Membru ieħor.

L-awtoritajiet ta' superviżjoni għandhom jikkooperaw ma xulxin f'dak li jkun meħtieġ biex iwettqu dmirijiethom, partikolarment billi jaqsmu flimkien kull informazzjoni utli.

[…]"

Ir-Regolament (UE) 2016/679

13 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2), huwa applikabbli, skont l-Artikolu 99(2), b'effett mill-25 ta' Mejju 2018. L-Artikolu 94(1) ta' dan ir-regolament jistabbilixxi li d-Direttiva 95/46 hija abrogata b'effett mill-istess data.

14 Il-premessi 1, 4, 51, 52 u 65 tal-imsemmi regolament jistabbilixxu:

"(1) Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali hija dritt fundamentali. L-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta') u l-Artikolu 16(1) [TFUE] jipprevedu li kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali li tirrigwardaha.

[…]

(4) L-ipproċessar tad-*data* personali għandu jitfassal biex iservi lill-bniedem. Id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali mhuwiex dritt assolut; huwa għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħrajn, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali kollha u josserva

l-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta kif integrata fit-Trattati, b'mod partikolari r-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, […] il-protezzjoni tad-*data* personali, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-intrapriża, […]

[…]

(51) *Data* personali, li min-natura tagħha, tkun partikolarment sensittiva fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali jistħoqqilha protezzjoni speċifika billi l-kuntest tal-ipproċessar tagħha jista' joħloq riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali. […]

(52) Id-deroga mill-projbizzjoni dwar l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' *data* personali għandha tkun permessa wkoll meta tkun prevista fil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru u soġġett għal salvagwardji adatti, sabiex jiġu protetti d-*data* personali u drittijiet fundamentali oħra […]

[…]

(65) Suġġett tad-*data* għandu jkollu d-dritt li jkollu *data* personali li tirrigwardaha rettifikata u 'dritt li jintnesa' fejn iż-żamma ta' tali *data* tikser dan ir-Regolament jew il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li jkun soġġett għaliha l-kontrollur. […] Madankollu, iż-żamma ulterjuri tad-*data* personali għandha tkun legali fejn tkun meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni […]"

15 L-Artikolu 4(11) tar-Regolament 2016/679 jiddefinixxi l-kunċett ta' "kunsens" bħala "kwalunkwe indikazzjoni tax-xewqat tas-suġġett tad-*data* mogħtija b'mod liberu, speċifika, infurmata u mhux ambigwa li permezz tagħha s-suġġett tad-*data*, permezz ta' dikjarazzjoni jew permezz ta' azzjoni affermattiva ċara, juri li jaqbel mal-ipproċessar ta' *data* personali relatata miegħu".

16 L-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, intitolat "Prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' data personali", jistipula, fil-paragrafu 1(c) sa (e) tiegħu:

"Id-*data* personali għandha:

[…]

(c) tkun adegwata, rilevanti, u limitata għal dak li hu meħtieġ b'rabta mal-finijiet li għalihom tkun qed tiġi pproċessata ('minimizzazzjoni tad-*data*');

(d) tkun preċiża u, fejn meħtieġ, tinżamm aġġornata; għandu jsir dak kollu raġonevoli biex ikun żgurat li d-*data* personali li ma tkunx eżatta, b'kont meħud tal-għanijiet li għalihom tiġi pproċessata, titħassar jew tissewwa mingħajr dewmien ('preċiżjoni');

(e) tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-*data* għal mhux aktar żmien milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-*data* personali tkun qed tiġi pproċessata; […] ('limitazzjoni tal-ħażna')".

17 L-Artikolu 9 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali", jipprovdi:

"1. L-ipproċessar ta' *data* personali, li jiżvela oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, jew sħubija fi trade union, u l-ipproċessar ta' *data* ġenetika, *data* bijometrika sabiex tidentifika b'mod uniku persuna fiżika, *data* dwar is-saħħa jew *data* dwar il-ħajja sesswali u l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika huma projbiti.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk japplika wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) is-suġġett tad-*data* jkun ta kunsens espliċitu għall-ipproċessar ta' dik id-*data* personali għal fini speċifiku wieħed jew aktar, għajr fejn il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi ta' Stat Membru tipprevedi li l-projbizzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma tistax titneħħa mis-suġġett tad-*data*;

[…]

(e) l-ipproċessar ikun relatat ma' *data* personali li b'mod ċar tkun saret pubblika mis-suġġett tad-*data*;

[…]

(g) l-ipproċessar ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, fuq il-bażi tal-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, li għandha tkun proporzjonata mal-għan segwit, tirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u tipprevedi miżuri xierqa u speċifiċi sabiex tissalvagwardja d-drittijiet fundamentali u l-interessi tas-suġġett tad-*data*;

[…]"

18 L-Artikolu 10 tal-istess regolament, intitolat "Ipproċessar ta' data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati", jistabbilixxi:

"L-ipproċessar ta' *data* personali relatata ma' kundanni kriminali u reati jew relatata ma' miżuri ta' sigurtà abbażi tal-Artikolu 6(1) għandu jsir biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali jew meta l-ipproċessar ikun awtorizzat minn liġi tal-Unjoni jew liġi ta' Stat Membru li tipprevedi salvagwardji xierqa għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Kwalunkwe reġistru komprensiv ta' kundanni kriminali għandu jinżamm biss taħt il-kontroll ta' awtorità uffiċjali."

19 L-Artikolu 17 tar-Regolament 2016/679, intitolat "Dritt għal tħassir ('dritt li wieħed jintesa')", huwa fformulat kif ġej:

"1. Is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur it-tħassir ta' *data* personali dwaru mingħajr dewmien żejjed u l-kontrollur għandu l-obbligu li jħassar *data* personali mingħajr dewmien żejjed jekk tkun tapplika waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) id-*data* personali ma tkunx għadha meħtieġa fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tkun inġabret jew ġiet ipproċessata mod ieħor id-*data*;

(b) is-suġġett tad-*data* jirtira l-kunsens li fuqu huwa bbażat l-ipproċessar skont l-Artikolu 6(1)(a) jew l-Artikolu 9(2)(a) u fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni legali għall-ipproċessar;

(c) is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21(1) u ma jkun hemm l-ebda raġuni leġittima prevalenti għall-ipproċessar, jew is-suġġett tad-*data* joġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21(2);

(d) id-*data* personali tkun ġiet ipproċessata illegalment;

(e) id-*data* personali tkun trid titħassar biex ikun hemm konformità ma' obbligu legali fil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għalih huwa soġġett il-kontrollur;

(f) id-*data* personali tkun inġabret fir-rigward tal-offerta ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1).

2. Fejn il-kontrollur ikun ippubblika d-*data* personali u jiġi obbligat skont il-paragrafu 1 li jħassar id-*data* personali, il-kontrollur, b'kont meħud tat-teknoloġija disponibbli u l-ispiża tal-implimentazzjoni, għandu jieħu passi raġonevoli, inklużi miżuri tekniċi, biex jinforma lill-kontrolluri li jkunu qegħdin jipproċessaw id-*data* personali, li s-suġġett tad-*data* talabhom iħassru kwalunkwe konnessjoni għal dik id-*data* personali, jew kopja jew replika tagħha.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw sakemm dak l-ipproċessar jkun meħtieġ:

(a) għall-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni;

[…]"

20 L-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dritt ta' oġġezzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li joġġezzjona, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu, fi kwalunkwe mument għall-ipproċessar ta' *data* personali li tikkonċerna lilu li hija bbażata fuq il-punt (e) jew (f) tal-Artikolu 6(1), inkluż it-tfassil ta' profili abbażi ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Il-kontrollur ma għandux jibqa' jipproċessa d-*data* personali sakemm il-kontrollur ma jagħtix raġunijiet leġittimi konvinċenti għall-ipproċessar li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* jew għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali."

21 L-Artikolu 85 tal-imsemmi regolament, intitolat "Ipproċessar u libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni", jistabbilixxi:

"1. L-Istati Membri għandhom jirrikonċiljaw skont il-liġi d-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali skont dan ir-Regolament mad-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, inkluż l-ipproċessar għal finijiet ġurnalistiċi u l-finijiet ta' espressjoni akkademika, artistika jew letterarja.

2. Għall-ipproċessar li jsir għal finijiet ġurnalistiċi jew għall-fini ta' espressjoni akkademika artistika jew dik letterarja, l-Istati Membri għandhom jipprevedu eżenzjonijiet jew derogi mill-Kapitolu II (prinċipji), il-Kapitolu III (drittijiet tas-suġġett tad-*data*), il-Kapitolu IV (kontrollur u proċessur), il-Kapitolu V (trasferiment tad-*data* personali lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali), il-Kapitolu VI (awtoritajiet superviżorji indipendenti), il-Kapitolu VII (kooperazzjoni u konsistenza) u l-Kapitolu IX (sitwazzjonijiet speċifiċi ta' pproċessar tad-*data*) jekk dawn jinħtieġu għal rikonċiljazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali mal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni.

[…]"

Id-dritt Franċiż

22 L-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/46 fid-dritt Franċiż ġiet żgurata permezz tal-loi n° 78-17, du 6 janvier 1978, relative à l'informatique, aux fichiers et aux libertés (il-Liġi Nru 78-17 tas-6 ta' Jannar 1978 dwar l-informatika, il-fajls u l-libertajiet), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali.

23 L-Artikolu 11 ta' din il-liġi jippreċiża li, fost il-missjonijiet tagħha, iċ-CNIL għandha tiżgura li l-ipproċessar tad-data personali għandu jiġi implimentat konformement mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija liġi u li, f'dan ir-rigward, hija tirċievi t-talbiet, il-petizzjonijiet u l-ilmenti dwar l-implimentazzjoni tal-ipproċessar ta' data personali u tinforma lill-awturi tagħhom bl-eżitu tagħhom.

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

24 GC, AF, BH u ED kollha talbu lil Google tneħħi r-referenzi, fil-lista ta' riżultati li tintwera mill-mutur ta' tfittxija operat minn din il-kumpannija wara tfittxija magħmula abbażi tal-isem tagħhom, ta' diversi links li jwasslu għal paġni tal-internet ippubblikati minn terzi, li madankollu l-imsemmija kumpannija rrifjutat li tagħmel.

25 B'mod iktar partikolari, GC talbet it-tneħħija tar-referenza ta' link li jwassal għal fotomontaġġ satiriku mqiegħed online fuq Youtube fit-18 ta' Frar 2011, taħt isem fittizju, li juriha maġenb is-sindku tal-komun li tiegħu kienet direttriċi tal-uffiċċju u jinvoka b'mod espliċitu r-relazzjoni intima li torbotha miegħu, kif ukoll l-effett ta' din ir-relazzjoni fuq il-karriera politika tagħha. Dan il-fotomontaġġ kien tqiegħed online fl-okkażjoni tal-kampanja għall-elezzjonijiet tal-komun li f'dak iż-żmien GC kienet kandidata għalihom. Meta t-talba għat-tneħħija tar-referenza tagħha ġiet irrifjutata, il-persuna kkonċernata la kienet eletta u lanqas kandidata għal mandat elettiv lokali u ma kinitx għadha teżerċita l-funzjonijiet ta' direttriċi tal-uffiċċju tas-sindku tal-komun.

26 AF talab it-tneħħija tar-referenza ta' links li jwasslu għal artikolu tal-gazzetta *Libération* tad-9 ta' Settembru 2008, irriprodott fuq is-sit tas-Centre contre les manipulations mentales (CCMM) (iċ-Ċentru kontra l-Manipulazzjonijiet Mentali (CCMM), Franza), dwar is-suwiċidju ta' segwaċi tal-Knisja tax-Xjentoloġija fix-xahar ta' Diċembru 2006. AF jissemma f'dan l-artikolu fil-kwalità ta' persuna responsabbli mir-relazzjonijiet pubbliċi tal-Knisja tax-Xjentoloġija, professjoni li huwa waqaf jeżerċita sa minn dakinhar. Barra minn hekk, l-awtur tal-imsemmi artikolu jindika li huwa kien ikkuntattja lil AF sabiex jikseb il-verżjoni tal-fatti tiegħu u jirrakkonta dak li huwa ġabar f'dik l-okkażjoni.

27 BH talab it-tneħħija tar-referenza ta' links li jwasslu għal artikoli, prinċipalment ta' gazzetti, dwar l-investigazzjoni ġudizzjarja miftuħa fix-xahar ta' Ġunju 1995 dwar il-finanzjament tal-Partit Repubblikan (PR) li fil-kuntest tagħha huwa tpoġġa taħt eżami flimkien ma' diversi persuni fin-negozju u personalitajiet politiċi. Il-proċedura li tirrigwardah ingħalqet b'digriet li ma kienx hemm lok għal proċeduri ulterjuri fis-26 ta' Frar 2010. Il-parti l-kbira tal-links kontenzjużi jwasslu għal artikoli li huma kontemporanji għall-ftuħ tal-investigazzjoni, u konsegwentement ma jsemmux it-tmiem tal-proċedura.

28 ED talab it-tneħħija tar-referenza ta' links li jwasslu għal żewġ artikoli ppubblikati f'*Nice-Matin* u f'*Le Figaro* li jirrigwardaw is-seduta kriminali li matulha huwa kien ikkundannat għal piena ta' seba' snin priġunerija u għal piena addizzjonali ta' għaxar snin ta' sorveljanza soċjoġudizzjarja minħabba fatti ta' aggressjoni sesswali fuq minuri ta' ħmistax-il sena. Wieħed minn dawn ir-rapporti ġudizzjarji jsemmi, barra minn hekk, diversi dettalji intimi dwar ED li kienu ġew irrivelati matul is-smigħ.

29 Wara li Google rrifjutat it-talbiet tagħhom għat-tneħħija ta' referenza, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali adixxew liċ-CNIL bi lmenti intiżi sabiex din il-kumpannija tiġi ordnata tipproċedi bit-tneħħija tar-referenza tal-links inkwistjoni. Permezz ta' ittri datati l-24 ta' April 2015, it-28 ta' Awwissu 2015, il-21 ta' Marzu 2016 u d-9 ta' Mejju 2016, il-President taċ-CNIL informa lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali bl-għeluq tal-ilmenti tagħhom.

30 Għalhekk, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikorsi quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) kontra dan ir-rifjut taċ-CNIL li jintimaw lil Google sabiex tipproċedi bit-tneħħija ta' referenzi mitluba. Dawn ir-rikorsi ġew magħquda flimkien mill-qorti tar-rinviju.

31 Peress li kkonstata li l-imsemmija rikorsi jippreżentaw diversi diffikultajiet serji ta' interpretazzjoni tad-Direttiva 95/46, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) iddeċieda li jissospendi l-proċedura quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Fid-dawl tar-responsabbiltajiet, tal-kompetenzi u tal-possibiltajiet speċifiċi tal-operatur ta' mutur tat-tfittxija, il-projbizzjoni stabbilita fil-konfront ta' persuni oħra responsabbli għall-ipproċessar ta' data koperta mill-paragrafi 1 u 5 tal-Artikolu 8 tad-Direttiva [95/46], bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti minn dan it-test, hija applikabbli wkoll għal dan l-operatur sa fejn huwa responsabbli għall-ipproċessar li jwettaq dan il-mutur?

2) F'każ li tingħata risposta pożittiva [għall-ewwel domanda]:
[a)] [I]d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva [95/46] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-projbizzjoni kif stabbilita, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti minn din id-direttiva, fil-konfront tal-operatur ta' mutur tat-tfittxija milli jipproċessa data koperta minn dawn id-dispożizzjonijiet tobbligah li jilqa' b'mod sistematiku it-talbiet għal kanċellazzjoni tal-links li jwasslu għal paġni tal-internet li jipproċessaw tali data?
[b)] [F]'tali perspettiva, kif għandhom jiġu interpretati l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 8(2)(a) u (e) tad-Direttiva [95/46], meta dawn japplikaw għal operatur ta' mutur tat-tfittxija, fid-dawl tar-responsabbiltajiet, tal-kompetenzi u tal-possibiltajiet speċifiċi tiegħu? B'mod speċifiku, tali operatur jista' jirrifjuta li jilqa' talba għal kanċellazzjoni meta huwa jikkonstata li l-links inkwistjoni jwasslu għal kontenuti li, għalkemm jinkludu data li taqa' taħt il-kategoriji enumerati fl-Artikolu 8(1), huma koperti wkoll mill-kamp tal-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu, b'mod partikolari [il-punti (a) u (e) ta' dan il-paragrafu]?
[c)] [B]l-istess mod, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [95/46] għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-links li tintalab il-kanċellazzjoni tagħhom ikunu jwasslu għal ipproċessar tad-data ta' natura personali mwettaq esklużivament għal finijiet ġurnalistiċi jew ta' espressjoni artistika jew litterarja li, fuq din il-bażi, skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva [95/46], jistgħu jiġbru u jipproċessaw data koperta mill-kategoriji msemmija fl-Artikolu 8(1) u (5) ta' din id-direttiva, l-operatur ta' mutur tat-tfittxija jista', għal din ir-raġuni, jirrifjuta li jilqa' talba għal kanċellazzjoni?

3) F'każ li tingħata risposta negattiva [għall-ewwel domanda]:
[a)] [F]id-dawl tar-responsabbiltajiet, tal-kompetenzi u tal-possibiltajiet tiegħu, liema rekwiżiti speċifiċi tad-Direttiva [95/46] għandu jissodisfa l-operatur ta' mutur tat-tfittxija?
[b)] [M]eta jiġi kkonstatat li l-paġni tal-internet, li jwasslu għalihom il-links li fir-rigward tagħhom tintalab il-kanċellazzjoni, jinkludu data li l-pubblikazzjoni tagħha, fuq l-imsemmija paġni, hija illegali, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [95/46] għandhom jiġu interpretati fis-sens:

– li huma jobbligaw lill-operatur ta' mutur tat-tfittxija li jħassar dawn il-links mil-lista tar-riżultati li jintwerew wara tfittxija mwettqa abbażi tal-isem tal-persuna li tressaq it-talba;

– jew li dawn jimplikaw esklużivament li huwa għandu jieħu din iċ-ċirkustanza inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-fondatezza tat-talba għal kanċellazzjoni;

– jew li din iċ-ċirkustanza ma tinċidix fuq l-evalwazzjoni li għandu jwettaq?

Barra minn hekk, jekk din iċ-ċirkustanza ma hijiex ineffettiva, kif għandha tiġi evalwata l-legalità tal-pubblikazzjoni tad-data kontenzjuża fuq il-paġni tal-internet li jirriżultaw minn ipproċessar li ma huwiex kopert mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva [95/46] u, sussegwentement, tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jimplimentawha?

4) Tkun xi tkun ir-risposta [għall-ewwel domanda]:
   [a)] [I]ndipendentement mil-legalità tal-pubblikazzjoni tad-data ta' natura personali fuq il-paġna tal-internet li twassal għaliha l-link kontenzjuża, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [95/46] għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   – meta l-persuna li tressaq it-talba tistabbilixxi li din id-data tkun saret inkompleta jew ineżatta, jew li ma għandhiex aġġornata, l-operatur ta' mutur tat-tfittxija huwa obbligat li jilqa' t-talba korrispondenti għal kanċellazzjoni,

   – b'mod iktar speċifiku, meta l-persuna li tressaq it-talba turi li, fid-dawl tal-iżvolġiment tal-proċedura ġudizzjarja, l-informazzjoni marbuta ma' stadju preċedenti tal-proċedura ma għadhiex tikkorrispondi għar-realtà attwali tas-sitwazzjoni, l-operatur ta' mutur tat-tfittxija huwa obbligat li jikkanċella l-links li jwasslu għal paġni tal-internet li jinkludu tali informazzjoni?

   [b)] [I]d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(5) tad-Direttiva [95/46] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-informazzjoni marbuta mal-investigazzjoni ta' individwu jew li huma marbuta ma' proċess, jew mal-kundanna li tirriżulta minnu, tikkostitwixxi data marbuta ma' ksur jew ma' kundanni kriminali? B'mod ġenerali, meta paġna tal-internet tkun tinkludi data li tagħmel riferiment għal kundanni jew għal proċeduri ġudizzjarji li jkollhom persuna fiżika bħala s-suġġett tagħhom, din tkun tidħol fil-kamp ta' dawn id-dispożizzjonijiet?"

Fuq id-domandi preliminari

32 Id-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 95/46, li kienet applikabbli fid-data meta tressqet it-talba għal deċiżjoni preliminari. Din id-direttiva tħassret b'effett mill-25 ta' Mejju 2018, li hija d-data meta sar applikabbli r-Regolament 2016/679.

33 Il-Qorti tal-Ġustizzja ser teżamina d-domandi magħmula fl-ambitu tad-Direttiva 95/46, filwaqt li tqis ukoll, madankollu, ir-Regolament 2016/679 fl-analiżi tagħha ta' dawn id-domandi, sabiex tiżgura li r-risposti tagħha jkunu, fi kwalunkwe każ, utli għall-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ewwel domanda

34 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-projbizzjoni jew ir-restrizzjonijiet fir-rigward tal-ipproċessar ta' kategoriji partikolari ta' data personali, imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, japplikaw, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti minn din id-direttiva, ukoll għall-operatur ta' mutur ta' tfittxija fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, tal-kompetenzi tiegħu u tal-possibbiltajiet tiegħu sa fejn huwa responsabbli għall-ipproċessar imwettaq għall-finijiet tal-funzjonament ta' dan il-mutur.

35 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar, minn naħa, li l-attività ta' mutur ta' tfittxija li tikkonsisti fis-sejbien ta' informazzjoni ppubblikata jew imqiegħda fuq l-internet minn terzi, fl-elenkar b'mod awtomatiku ta' din l-informazzjoni f'indiċi, fil-ħażna temporanja ta' din l-informazzjoni u, fl-aħħar nett, fit-tqegħid ta' din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-utenti tal-internet skont ordni ta' preferenza partikolari għandha titqies li hija "ipproċessar ta' data personali", fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 95/46, meta din l-informazzjoni tkun tinkludi data personali u, min-naħa l-oħra, li l-operatur ta' dan il-mutur ta' tfittxija għandu jitqies li huwa l-"kontrollur" tal-imsemmi pproċessar, fis-sens tal-Artikolu 2(d) ta' din id-direttiva (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 41).

36 Fil-fatt, l-ipproċessar ta' data personali mwettaq fil-kuntest tal-attività ta' mutur ta' tfittxija huwa differenti minn, u jitwettaq b'mod addizzjonali għal, dak imwettaq mill-edituri ta' siti tal-internet, ipproċessar li jikkonsisti fit-tqegħid ta' din id-data fuq paġna tal-internet, u din l-attività għandha rwol deċiżiv fid-diffużjoni globali tal-imsemmija data sa fejn tagħmel din id-data aċċessibbli għal kull utent tal-internet li jwettaq tfittxija abbażi tal-isem tal-persuna kkonċernata, inkluż għall-utenti tal-internet li, li kieku ma kienx għal dawn il-muturi ta' tfittxija, ma kinux isibu l-paġna tal-internet fejn din l-istess data hija ppubblikata. Barra minn hekk, l-organizzazzjoni u l-kollezzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fuq l-internet, imwettqa mill-muturi ta' tfittxija bl-għan li jiffaċilitaw għall-utenti tagħhom l-aċċess għal din l-informazzjoni, jistgħu jwasslu, meta t-tfittxija ta' dawn tal-aħħar titwettaq abbażi tal-isem ta' persuna fiżika, sabiex dawn l-utenti jiksbu, permezz tal-lista ta' riżultati, stampa ġenerali strutturata tal-informazzjoni dwar din il-persuna li tista' tinstab fuq l-internet li tippermettilhom jibnu profil ftit jew wisq iddettaljat tal-persuna kkonċernata (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punti 35 sa 37).

37 Konsegwentement, sa fejn l-attività ta' mutur ta' tfittxija tista' tolqot, b'mod sinjifikattiv u b'mod addizzjonali meta mqabbla mal-attività tal-edituri ta' siti tal-internet, id-drittijiet fundamentali fir-rigward tal-ħajja privata u tal-protezzjoni ta' data personali, l-operatur ta' dan il-mutur, bħala l-persuna li tiddetermina l-finijiet u l-mezzi ta' din l-attività, għandu jiżgura, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, tal-kompetenzi tiegħu u tal-possibbiltajiet tiegħu, li din l-attività tissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46 b'tali mod li l-garanziji previsti minn din id-direttiva jkun jista' jkollhom l-effetti kollha tagħhom u b'tali mod li tkun tista' effettivament tinkiseb protezzjoni effikaċi u kompleta tal-persuni kkonċernati, b'mod partikolari tad-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata tagħhom (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 38).

38 L-ewwel domanda preliminari hija intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, tal-kompetenzi tiegħu u tal-possibbiltajiet tiegħu, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandux ukoll jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 95/46 meta mqabbla mal-kategoriji partikolari ta' data personali, imsemmija fl-Artikolu 8(1) sa (5) tagħha, meta tali data tkun tinsab fost l-informazzjoni ppubblikata jew imqiegħda fuq l-internet minn terzi u tkun ġiet ipproċessata minn dan l-operatur għall-finijiet tal-funzjonament tal-mutur ta' tfittxija tiegħu.

39 Fir-rigward tal-kategoriji partikolari ta' data personali, l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 jistabbilixxi li l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-ipproċessar ta' data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija f'sindakat, kif ukoll l-ipproċessar ta' data dwar is-saħħa u l-ħajja sesswali. Ċerti eċċezzjonijiet u derogi għal din il-projbizzjoni huma previsti, b'mod partikolari, f'dan l-Artikolu 8(2).

40 L-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46 jistabbilixxi li l-ipproċessar ta' data dwar reati, kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà jista' jsir biss taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika, jew jekk tkun prevista protezzjoni speċifika xierqa taħt id-dritt nazzjonali, bla ħsara għal derogi li jistgħu jingħataw mill-Istat Membru permezz ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprevedu protezzjoni speċifika xierqa. Madankollu, reġistru komplut ta' kundanni kriminali jista' jinżamm biss taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li data dwar sanzjonijiet amministrattivi jew sentenzi ċivili għandhom ukoll ikunu pproċessati taħt il-kontroll ta' awtorità pubblika.

41 Il-kontenut tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 ġie riprodott, b'xi modifiki, fl-Artikolu 9(1) u fl-Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679.

42 Għandu jiġi kkonstatat, qabelxejn, li mill-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 u tar-Regolament 2016/679 jirriżulta li l-projbizzjoni u r-restrizzjonijiet li dawn jistabbilixxu japplikaw, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti minn din id-direttiva u dan ir-regolament, għal kull tip ta' pproċessar ta' kategoriji partikolari ta' data msemmija fl-imsemmija dispożizzjonijiet u għal kull min huwa responsabbli għal tali pproċessar.

43 Sussegwentement, l-ebda dispożizzjoni oħra tal-imsemmija direttiva jew tal-imsemmi regolament ma tipprevedi deroga ġenerali għal din il-projbizzjoni jew għal dawn ir-restrizzjonijiet favur ipproċessar bħal dak imwettaq fil-kuntest tal-attività ta' mutur ta' tfittxija. Għall-kuntrarju, kif jirriżulta diġà mill-punt 37 ta' din is-sentenza, mill-istruttura ġenerali ta' dawn it-testi jirriżulta li l-operatur ta' tali mutur għandu, bħal kull persuna oħra li hija responsabbli għall-ipproċessar, jiżgura, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, tal-kompetenzi tiegħu u tal-possibbiltajiet tiegħu, li l-ipproċessar tad-data personali li huwa jwettaq jissodisfa r-rekwiżiti, rispettivament, tad-Direttiva 95/46 u tar-Regolament 2016/679.

44 Finalment, interpretazzjoni tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 jew tal-Artikolu 9(1) u tal-Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679 li teskludi, *a priori* u b'mod ġenerali, l-attività ta' mutur ta' tfittxija mir-rekwiżiti speċifiċi li huma previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet meta mqabbla mal-ipproċessar tal-kategoriji partikolari ta' data li huma jsemmu tmur kontra l-għan tal-imsemmija dispożizzjonijiet, li tiġi żgurata protezzjoni msaħħa fil-konfront ta' tali pproċessar li, minħabba s-sensittività partikolari ta' din id-data, ikun jista' jikkostitwixxi, kif jirriżulta wkoll mill-premessa 33 ta' din id-direttiva u mill-premessa 51 ta' dan ir-regolament, interferenza partikolarment serja fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, żgurati mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

45 Għalkemm, kuntrarjament għal dak li ssostni b'mod partikolari Google, il-karatteristiċi speċifiċi tal-ipproċessar imwettaq mill-operatur ta' mutur ta' tfittxija fil-kuntest tal-attività tiegħu għalhekk ma jiġġustifikawx li dan l-operatur ikun eżonerat mill-osservanza tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 kif ukoll tal-Artikolu 9(1) u tal-Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679, dawn il-karatteristiċi speċifiċi madankollu jistgħu jinfluwenzaw il-portata tar-responsabbiltà u tal-obbligi konkreti tal-imsemmi operatur fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

46 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, bħalma enfasizzat il-Kummissjoni Ewropea, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija ma huwiex responsabbli għall-fatt li d-data personali msemmija fl-imsemmija dispożizzjonijiet tinsab fuq paġna tal-internet ippubblikata minn terzi, iżda għar-referenza ta' din il-paġna u, partikolarment, għall-inklużjoni tal-link lejn din il-paġna fil-lista ta' riżultati li tintwera lill-utenti tal-internet wara tfittxija mwettqa abbażi tal-isem ta' persuna fiżika, peress li tali inklużjoni tal-link inkwistjoni f'tali lista tkun tista' tolqot b'mod sinjifikattiv id-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata tagħha u għall-protezzjoni tad-data personali li tikkonċernaha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 80).

47 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tar-responsabbiltajiet, tal-kompetenzi u tal-possibbiltajiet tal-operatur ta' mutur ta' tfittxija sa fejn huwa responsabbli għall-ipproċessar imwettaq fil-kuntest tal-attività ta' dan il-mutur, il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 kif ukoll fl-Artikolu 9(1) u fl-Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679 ma jistgħux, kif indika l-Avukat Ġenerali fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tiegħu u kif essenzjalment irrilevaw il-partijiet interessati kollha li ħadu pożizzjoni dwar dan is-suġġett, japplikaw għal dan l-operatur ħlief minħabba din ir-referenza u, għalhekk, permezz ta' verifika li titwettaq, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, abbażi ta' talba magħmula mill-persuna kkonċernata.

48 Minn dak li ntqal jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-projbizzjoni jew ir-restrizzjonijiet fir-rigward tal-ipproċessar ta' kategoriji partikolari ta' data personali, imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, japplikaw, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti minn din id-direttiva, ukoll għall-operatur ta' mutur ta' tfittxija fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, tal-kompetenzi tiegħu u tal-possibbiltajiet tiegħu sa fejn huwa responsabbli għall-ipproċessar imwettaq matul l-attività ta' dan il-mutur, meta ssir verifika minn dan l-operatur, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, wara talba mressqa mill-persuna kkonċernata.

Fuq it-tieni domanda

49 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li tinkludi tliet partijiet, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment:

– jekk id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, bis-saħħa tagħhom, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa obbligat, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti minn din id-direttiva, li jilqa' t-talbiet għat-tneħħija tar-referenza tal-links li jwasslu għal paġni tal-internet li fuqhom tinsab data personali li taqa' taħt il-kategoriji partikolari msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet;

– jekk l-Artikolu 8(2)(a) u (e) tad-Direttiva 95/46 għandux jiġi interpretat fis-sens li, skontu, tali operatur jista' jirrifjuta li jilqa' talba għat-tneħħija tar-referenza meta huwa jikkonstata li l-links inkwistjoni jwasslu għal kontenut li jinkludi data personali li taqa' taħt il-kategoriji partikolari msemmija f'dan l-Artikolu 8(1) iżda li l-ipproċessar tiegħu jkun kopert minn waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-imsemmi Artikolu 8(2)(a) u (e); u

– jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jista' wkoll jirrifjuta li jilqa' talba għat-tneħħija ta' referenza minħabba li l-links li tintalab it-tneħħija tar-referenza tagħhom ikunu jwasslu għal paġni tal-internet li fuqhom id-data personali li taqa' taħt kategoriji partikolari msemmija fl-Artikolu 8(1) jew (5) ta' din id-direttiva tkun ġiet ippubblikata sempliċement għal finijiet ġurnalistiċi jew ta' espressjoni artistika jew letterarja, u li din il-pubblikazzjoni hija għalhekk koperta mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 9 tal-imsemmija direttiva.

50 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tad-Direttiva 95/46, talbiet għat-tneħħija ta' referenza bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma bbażati b'mod partikolari fuq l-Artikolu 12(b) tagħha, li bis-saħħa tiegħu l-Istati Membri għandhom jiżguraw għall-persuni kkonċernati d-dritt li jiksbu mill-persuna responsabbli għall-ipproċessar it-tħassir tad-data li l-ipproċessar tagħha ma jkunx konformi ma' din id-direttiva.

51 Barra minn hekk, skont il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu lill-persuna kkonċernata d-dritt, minn tal-inqas fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 7(e) u (f) ta' din id-direttiva, li toġġezzjona f'kull ħin, għal raġunijiet gravi u leġittimi marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tagħha, għall-ipproċessar ta' data li tikkonċernaha, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni kuntrarja fid-dritt nazzjonali.

52 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 12(b) u l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet u sakemm il-kundizzjonijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet ikunu effettivament issodisfatti, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa obbligat ineħħi mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi tal-isem ta' persuna, il-links lejn paġni tal-internet, ippubblikati minn terzi u li jinkludu informazzjoni dwar din il-persuna, anki fil-każ fejn dan l-isem jew din l-informazzjoni ma jkunux tneħħew preċedentement jew simultanjament minn dawn il-paġni tal-internet, u dan, jekk ikun il-każ, anki meta l-pubblikazzjoni tagħhom fuq l-imsemmija paġni tkun, fiha nnifisha, legali (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 88).

53 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn l-istess dispożizzjonijiet, għandu jiġi eżaminat b'mod partikolari jekk il-persuna kkonċernata għandhiex dritt li l-informazzjoni inkwistjoni dwar il-persuna tagħha ma tibqax attwalment marbuta ma' isimha permezz ta' lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' isimha, mingħajr ma huwa meħtieġ, sabiex jiġi kkonstatat tali dritt, li l-inklużjoni tal-informazzjoni inkwistjoni f'din il-lista tikkawża preġudizzju għal din il-persuna. Peress li din tal-aħħar tista', fid-dawl tad-drittijiet fundamentali tagħha taħt l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, titlob li

l-informazzjoni inkwistjoni ma tibqax imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali permezz tal-inklużjoni tagħha f'tali lista ta' riżultati, dawn id-drittijiet, bħala prinċipju, jipprevalu mhux biss fuq l-interess ekonomiku tal-operatur tal-mutur ta' tfittxija, iżda wkoll fuq l-interess ta' dan il-pubbliku li jkollu aċċess għall-imsemmija informazzjoni meta jwettaq tfittxija abbażi tal-isem ta' din il-persuna. Madankollu, dan ma jkunx il-każ jekk jidher, għal raġunijiet partikolari, bħalma huwa r-rwol li l-imsemmija persuna jkollha fil-ħajja pubblika, li l-interferenza fid-drittijiet fundamentali tagħha tkun iġġustifikata mill-interess superjuri tal-imsemmi pubbliku li jkollu, minħabba din l-inklużjoni, aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 99).

54 Fil-kuntest tar-Regolament 2016/679, il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea ppreveda, fl-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament, dispożizzjoni li tirregola b'mod speċifiku d-"dritt għal tħassir", imsejjaħ ukoll, fit-titolu ta' dan l-artikolu, bħala "dritt li wieħed jintesa".

55 Skont dan l-Artikolu 17(1), il-persuna kkonċernata għandha d-dritt li tikseb mingħand il-persuna responsabbli għall-ipproċessar it-tħassir tad-data personali dwarha mingħajr dewmien żejjed u l-persuna responsabbli għall-ipproċessar għandha l-obbligu li tħassar din id-data mingħajr dewmien żejjed jekk tkun tapplika waħda mir-raġunijiet elenkati f'din id-dispożizzjoni. Fost dawn ir-raġunijiet, l-imsemmija dispożizzjoni ssemmi l-fatt li d-data ma tkunx għadha neċessarja fir-rigward tal-għan tal-ipproċessar, li l-persuna kkonċernata tirtira l-kunsens li fuqu huwa bbażat l-ipproċessar u li ma tkun teżisti l-ebda raġuni legali oħra għal dan, li l-persuna kkonċernata toġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21(1) jew (2) tar-Regolament 2016/679, li jissostitwixxi l-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46, li d-data tkun ġiet ipproċessata illegalment, li d-data tkun trid titħassar sabiex jiġi osservat obbligu legali jew li d-data tkun inġabret fil-kuntest tal-offerta ta' servizzi ta' soċjetà tal-informazzjoni lit-tfal.

56 Madankollu, l-Artikolu 17(3) tar-Regolament 2016/679 jippreċiża li l-Artikolu 17(1) ta' dan ir-regolament ma japplikax sakemm l-ipproċessar inkwistjoni jkun neċessarju għal waħda mir-raġunijiet elenkati f'din l-ewwel dispożizzjoni. Fost dawn ir-raġunijiet hemm, fl-Artikolu 17(3)(a) tal-imsemmi regolament, l-eżerċizzju ta' dritt relatat, b'mod partikolari, mal-libertà tal-informazzjoni.

57 Il-fatt li l-Artikolu 17(3)(a) tar-Regolament 2016/679 issa jipprevedi espressament li d-dritt għat-tħassir tal-persuna kkonċernata għandu jkun eskluż meta l-ipproċessar ikun neċessarju għall-eżerċizzju tad-dritt, b'mod partikolari, tal-libertà tal-informazzjoni, żgurat mill-Artikolu 11 tal-Karta, jesprimi l-fatt li d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ma huwiex dritt assolut, iżda għandu, kif inhu enfasizzat fil-premessa 4 ta' dan ir-regolament, jitqies fir-rigward tar-rwol tiegħu fis-soċjetà u jiġi bbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħra, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, ukoll, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke u Eifert, C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punt 48, kif ukoll l-Opinjoni 1/15 (Accord PNR UE-Canada) tas-26 ta' Lulju 2017, EU:C:2017:592, punt 136).

58 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li l-Artikolu 52(1) tal-Karta jaċċetta li jistgħu jsiru xi limitazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' drittijiet bħal dawk stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tagħha, sakemm dawn il-limitazzjonijiet ikunu previsti mil-liġi, josservaw il-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u libertajiet u li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu neċessarji u jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor (sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke u Eifert, C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punt 50).

59 Ir-Regolament 2016/679, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(a) tiegħu, jistabbilixxi wkoll b'mod espliċitu r-rekwiżit ta' bbilanċjar bejn, minn naħa, id-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, u, min-naħa l-oħra, id-dritt fundamentali għal-libertà tal-informazzjoni, żgurat mill-Artikolu 11 tal-Karta.

60 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet li fihom l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jkun obbligat li jilqa' talba għat-tneħħija ta' referenza u għalhekk li jħassar mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi tal-isem tal-persuna kkonċernata, il-link lejn paġna tal-internet li fuqha tkun tinsab data personali li taqa' taħt il-kategoriji partikolari msemmija fl-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46.

61 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat, qabelxejn, li l-ipproċessar mill-operatur ta' mutur ta' tfittxija tal-kategoriji partikolari ta' data msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 jista', bħala prinċipju, jaqa' taħt l-eċċezzjonijiet previsti f'dan l-Artikolu 8(2)(a) u (e), li għalih tirreferi l-qorti tar-rinviju u li jipprevedi li l-projbizzjoni ta' pproċessar ta' dawn il-kategoriji partikolari ta' data ma tapplikax meta l-persuna kkonċernata tkun tat il-kunsens espliċitu tagħha għal tali pproċessar, ħlief fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat tipprojbixxi tali kunsens, jew meta l-ipproċessar jirrigwarda b'mod partikolari data li b'mod ċar tkun saret pubblika minn din il-persuna. Dawn l-eċċezzjonijiet issa jinsabu fl-Artikolu 9(2)(a) u (e) tar-Regolament 2016/679. Barra minn hekk, dan l-Artikolu 9(2)(g), li essenzjalment jirriproduċi l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 95/46, jippermetti l-ipproċessar tal-imsemmija kategoriji ta' data meta dan ikun neċessarju għal raġunijiet ta' interess pubbliku ta' importanza, abbażi tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt ta' Stat Membru li għandu jkun proporzjonat għall-għan li għandu jintlaħaq, jirrispetta l-essenza tad-dritt għall-protezzjoni tad-data u jipprevedi miżuri xierqa u speċifiċi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tal-interessi tal-persuna kkonċernata.

62 Fir-rigward tal-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 8(2)(a) tad-Direttiva 95/46 u fl-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament 2016/679, mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "kunsens" ipprovduta fl-Artikolu 2(h) ta' din id-direttiva u fil-punt 11 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament jirriżulta li dan il-kunsens għandu jkun "speċifik[u]" u, għalhekk, jirrigwarda speċifikament l-ipproċessar imwettaq fil-kuntest tal-attività tal-mutur ta' tfittxija u wkoll il-fatt li dan l-ipproċessar jippermetti lil terzi li jiksbu, permezz ta' tfittxija abbażi ta' isem din il-persuna, lista ta' riżultati li tinkludi l-links li jwasslu għal paġni tal-internet li jinkludu data sensittiva li tikkonċernaha. Issa, fil-prattika, huwa diffiċli li jiġi previst – u mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża ma jirriżultax, barra minn hekk – li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu jitlob il-kunsens espliċitu tal-persuni kkonċernati qabel ma jipproċedi, għall-ħtiġijiet tal-attività tiegħu ta' referenzar, bl-ipproċessar tad-data personali li tikkonċernahom. Fi kwalunkwe każ, kif osservaw b'mod partikolari l-Gvern Franċiż u dak Pollakk, kif ukoll il-Kummissjoni, il-fatt innifsu li persuna tagħmel talba għat-tneħħija ta' referenza juri, bħala prinċipju, li, tal-inqas fid-data ta' din it-talba, hija ma tkunx għadha tagħti l-kunsens tagħha għall-ipproċessar imwettaq mill-operatur tal-mutur ta' tfittxija. F'dan il-kuntest, għandu wkoll jitfakkar li l-Artikolu 17(1)(b) tal-imsemmi regolament isemmi, fost ir-raġunijiet li jiġġustifikaw id-"dritt li wieħed jintesa", il-fatt li l-persuna kkonċernata tirtira l-kunsens li fuqu huwa bbażat l-ipproċessar, konformement mal-Artikolu 9(2)(a) tal-istess regolament, u li ma tkun teżisti l-ebda raġuni legali oħra għall-ipproċessar.

63 Għall-kuntrarju, il-fatt, imsemmi fl-Artikolu 8(2)(e) tad-Direttiva 95/46 u fl-Artikolu 9(2)(e) tar-Regolament 2016/679, li d-data inkwistjoni b'mod ċar tkun saret pubblika mill-persuna kkonċernata huwa maħsub sabiex japplika kemm għall-operatur tal-mutur ta' tfittxija kif ukoll għall-editur tal-paġna tal-internet inkwistjoni, kif ġie essenzjalment irrilevat mill-persuni interessati kollha li esprimew ruħhom fuq dan is-suġġett.

64 Għalhekk, f'każ bħal dan, minkejja l-preżenza, fuq il-paġna tal-internet ikkonċernata, ta' data personali li taqa' taħt kategoriji partikolari msemmija fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament 2016/679, l-ipproċessar ta' din id-data mill-operatur tal-mutur ta' tfittxija fil-kuntest tal-attività tiegħu, bil-kundizzjoni li jissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet għal-legalità l-oħra stipulati, b'mod partikolari, fl-Artikolu 6 ta' din id-direttiva jew fl-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 72), ikun konformi ma' dawn it-testi.

65 Madankollu, anki f'dan il-każ, il-persuna kkonċernata jista', skont il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46 jew l-Artikolu 17(1)(c) u l-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2016/679, ikollha d-dritt għat-tneħħija tar- referenza tal-link inkwistjoni għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tagħha.

66 Fi kwalunkwe każ, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija, meta jirċievi talba għat-tneħħija ta' referenza, għandu jivverifika, abbażi ta' raġunijiet ta' interess pubbliku ta' importanza msemmija fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 95/46 jew fl-Artikolu 9(2)(g) tar-Regolament 2016/679 u b'osservanza tal-kundizzjonijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet, jekk l-inklużjoni tal-link lejn il-paġna tal-internet inkwistjoni fil-lista li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi tal-isem tal-persuna kkonċernata hijiex neċessarja għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li jista' jkollhom interess li jaċċedu għal din il-paġna tal-internet permezz ta' tali tfittxija, protett mill-Artikolu 11 tal-Karta. Għalkemm id-drittijiet tal-persuna kkonċernata protetti mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta jipprevalu, b'mod ġenerali, fuq il-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet, dan il-bilanċ jista' madankollu jiddependi, f'każijiet partikolari, min-natura tal-informazzjoni inkwistjoni u min-natura sensittiva tagħha għall-ħajja privata tal-persuna kkonċernata, kif ukoll mill-interess tal-pubbliku li jkollu din l-informazzjoni, li jista' jvarja b'mod partikolari skont ir-rwol li għandha din il-persuna kkonċernata fil-ħajja pubblika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 81).

67 Barra minn hekk, f'każ li l-ipproċessar jirrigwarda l-kategoriji partikolari ta' data msemmija fl-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 jew fl-Artikolu 9(1) u fl-Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679, l-interferenza fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuna kkonċernata tista', kif ġie rrilevat fil-punt 44 ta' din is-sentenza, tkun partikolarment serja minħabba s-sensittività ta' din id-data.

68 Għalhekk, meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jirċievi talba għat-tneħħija tar-referenza ta' link lejn paġna tal-internet li fuqha tkun ġiet ippubblikata data sensittiva, dan l-operatur għandu, abbażi tal-elementi rilevanti kollha tal-każ u fid-dawl tas-serjetà tal-interferenza fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, jivverifika, abbażi ta' raġunijiet ta' interess pubbliku ta' importanza msemmija fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 95/46 jew fl-Artikolu 9(2)(g) tar-Regolament 2016/679 u b'osservanza tal-kundizzjonijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet, jekk l-inklużjoni ta' dan il-link fil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' isem din il-persuna, hijiex strettament neċessarja sabiex tiġi protetta l-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li jista' jkollhom interess li jaċċedu għal din il-paġna tal-internet permezz ta' tali tfittxija, stabbilita fl-Artikolu 11 tal-Karta.

69 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija kif ġej:

– Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, bis-saħħa tagħhom, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa bħala prinċipju obbligat, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti minn din id-direttiva, li jilqa' t-talbiet għat-tneħħija tar-referenza tal-links li jwasslu għal paġni tal-internet li fuqhom tinsab data personali li taqa' taħt il-kategoriji partikolari msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet.

– L-Artikolu 8(2)(e) tad-Direttiva 95/46 għandu jiġi interpretat fis-sens li, skontu, tali operatur jista' jirrifjuta li jilqa' talba għat-tneħħija ta' referenza meta huwa jikkonstata li l-links inkwistjoni jwasslu għal kontenut li jinkludi data personali li taqa' taħt il-kategoriji partikolari msemmija f'dan l-Artikolu 8(1) iżda li l-ipproċessar tiegħu jkun kopert mill-eċċezzjoni prevista fl-imsemmi Artikolu 8(2)(e), bil-kundizzjoni li dan l-ipproċessar jissodisfa l-kundizzjonijiet għal-legalità l-oħra kollha stipulati f'din id-direttiva u sakemm il-persuna kkonċernata ma jkollhiex, bis-saħħa

tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(a) tal-imsemmija direttiva, id-dritt li toġġezzjona għall-imsemmi pproċessar għal raġunijiet gravi u leġittimi marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tagħha.

– Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jirċievi talba għat-tneħħija tar-referenza ta' link lejn paġna tal-internet li fuqha tkun ġiet ippubblikata data personali li taqa' taħt kategoriji partikolari msemmija fl-Artikolu 8(1) jew (5) ta' din id-direttiva, dan l-operatur għandu, abbażi tal-elementi rilevanti kollha tal-każ u fid-dawl tas-serjetà tal-interferenza fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, jivverifika, abbażi ta' raġunijiet ta' interess pubbliku ta' importanza msemmija fl-Artikolu 8(4) tal-imsemmija direttiva u b'osservanza tal-kundizzjonijiet previsti f'din l-aħħar dispożizzjoni, jekk l-inklużjoni ta' dan il-link fil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' isem din il-persuna, hijiex strettament neċessarja sabiex tiġi protetta l-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li jista' jkollhom interess li jaċċedu għal din il-paġna tal-internet permezz ta' tali tfittxija, stabbilita fl-Artikolu 11 tal-Karta.

Fuq it-tielet domanda

70 Peress li din id-domanda saret biss għall-każ fejn tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda, minħabba r-risposta affermattiva mogħtija għal din tal-aħħar, ma hemmx lok li tingħata risposta għal din it-tielet domanda.

Fuq ir-raba' domanda

71 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li,

– minn naħa, l-informazzjoni dwar proċedura ġudizzjarja li jkollha persuna fiżika bħala s-suġġett tagħha kif ukoll, jekk ikun il-każ, dik dwar il-kundanna li rriżultat minnha, tikkostitwixxi data marbuta ma' "reati" jew ma' "kundanni kriminali" fis-sens tal-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46, u

– min-naħa l-oħra, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa obbligat li jilqa' talba għal tneħħija tar-referenza ta' links li jwasslu għal paġni tal-internet, li fuqhom tinsab tali informazzjoni, meta din l-informazzjoni tkun marbuta ma' stadju preċedenti tal-proċedura ġudizzjarja inkwistjoni u, fid-dawl tal-iżvolġiment ta' din tal-aħħar, ma tkunx għadha tikkorrispondi għas-sitwazzjoni attwali.

72 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 100 tal-konklużjonijiet tiegħu u kif sostnew b'mod partikolari l-Gvern Franċiż, l-Irlanda, il-Gvern Taljan u dak Pollakk kif ukoll il-Kummissjoni, l-informazzjoni dwar proċedura ġudizzjarja kontra persuna fiżika, bħal dik relatata mal-eżami tagħha jew mal-proċess, u, jekk ikun il-każ, mal-kundanna li tirriżulta minn din il-proċedura, tikkostitwixxi data marbuta ma' "reati" jew ma' "kundanni kriminali" fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46 u tal-Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679, u dan huwa indipendenti mill-fatt jekk, matul din il-proċedura ġudizzjarja, ir-reat li għalih il-persuna kienet akkużata kienx effettivament stabbilit jew le.

73 Għalhekk, billi jinkludi links lejn paġni tal-internet li fuqhom tkun ġiet ippubblikata din id-data fil-lista ta' riżultati li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' isem il-persuna kkonċernata, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jwettaq ipproċessar ta' din id-data li, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46 u l-Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679, huwa suġġett għal restrizzjonijiet partikolari. Kif osservat il-Kummissjoni, tali pproċessar jista', bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet u sakemm jiġu osservati l-kundizzjonijiet għal-legalità l-oħra stipulati f'din id-direttiva u f'dan

ir-regolament, ikun legali b'mod partikolari jekk protezzjoni speċifika xierqa tkun prevista mid-dritt nazzjonali, li jista' jkun il-każ meta l-informazzjoni inkwistjoni tiġi żvelata lill-pubbliku mill-awtoritajiet pubbliċi fl-osservanza tad-dritt nazzjonali applikabbli.

74 Fir-rigward ta' dawn il-kundizzjonijiet għal-legalità l-oħra, għandu jitfakkar li mir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 6(1)(ċ) sa (e) tad-Direttiva 95/46, li issa jinsabu fl-Artikolu 5(1)(c) sa (e) tar-Regolament 2016/679, jirriżulta li anki pproċessar inizjalment legali ta' data eżatta jista' jsir, maż-żmien, inkompatibbli ma' din id-direttiva jew ma' dan ir-regolament meta din id-data ma tkunx iktar neċessarja fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tkun inġabret jew tkun ġiet ipproċessata. Dan ikun b'mod partikolari l-każ meta din id-data tidher li hija inadegwata, li ma hijiex jew ma għadhiex rilevanti jew li hija eċċessiva fir-rigward ta' dawn l-għanijiet u taż-żmien li jkun għadda (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 93).

75 Madankollu, kif ġie kkonstatat fil-punt 66 ta' din is-sentenza, anki f'każ fejn l-ipproċessar tad-data msemmija fl-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46 u fl-Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679 ma jissodisfax ir-restrizzjonijiet previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet jew kundizzjonijiet għal-legalità oħra, bħal dawk stipulati fl-Artikolu 6(1)(ċ) sa (e) ta' din id-direttiva u fl-Artikolu 5(1)(c) sa (e) ta' dan ir-regolament, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu jerġa' jivverifika, abbażi ta' raġunijiet ta' interess pubbliku ta' importanza msemmija fl-Artikolu 8(4) tal-imsemmija direttiva jew fl-Artikolu 9(2)(g) tal-imsemmi regolament u fl-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet, jekk l-inklużjoni tal-link lejn il-paġna tal-internet inkwistjoni fil-lista ta' riżultati li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' isem il-persuna kkonċernata hijiex neċessarja għall-eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li jista' jkollhom interess li jaċċedu għal din il-paġna tal-internet permezz ta' tali tfittxija, protett mill-Artikolu 11 tal-Karta.

76 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li t-talbiet magħmula mill-persuni kkonċernati intiżi għall-projbizzjoni, skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, tat-tqegħid għad-dispożizzjoni fuq l-internet, permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni differenti, ta' rapporti antiki dwar proċess kriminali kontra dawn il-persuni, jeħtieġu eżami tal-bilanċ ġust li jrid ikun hemm bejn id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tal-imsemmija persuni u, b'mod partikolari, il-libertà tal-informazzjoni tal-pubbliku. Fit-tfittxija ta' dan il-bilanċ ġust, għandu jitqies ir-rwol essenzjali li l-istampa għandha f'soċjetà demokratika u li dan jinkludi r-redazzjoni ta' rapporti u ta' kummenti dwar proċeduri ġudizzjarji. Barra minn hekk, apparti l-funzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni li jikkomunikaw din l-informazzjoni u dawn l-ideat, hemm ukoll id-dritt tal-pubbliku li jirċevihom. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irrikonoxxiet, f'dan il-kuntest, li l-pubbliku kellu interess mhux biss li jiġi informat dwar ġrajja kurrenti, iżda wkoll li jkun jista' jfittex dwar ġrajjiet li għaddew, peress li l-portata tal-interess tal-pubbliku fir-rigward ta' proċeduri kriminali hija madankollu varjabbli u tista' tevolvi biż-żmien skont, b'mod partikolari, iċ-ċirkustanzi tal-kawża (Qorti EDB, 28 ta' Ġunju 2018, M.L. u W.W. vs Il-Ġermanja, CE:ECHR:2018:0628JUD006079810, punti 89 u 100 sa 102).

77 L-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu wkoll jevalwa, fil-kuntest ta' talba għat-tneħħija tar-referenza ta' links lejn paġni tal-internet li fuqhom tkun ġiet ippubblikata informazzjoni dwar proċedura ġudizzjarja f'materji kriminali kontra l-persuna kkonċernata, li tkun marbuta ma' stadju preċedenti ta' din il-proċedura u li ma għadhiex tikkorrispondi għas-sitwazzjoni attwali, jekk, wara li jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari dawk relatati man-natura u mas-serjetà tar-reat inkwistjoni, l-iżvolġiment u t-tmiem tal-imsemmija proċedura, iż-żmien li jkun għadda, ir-rwol ta' din il-persuna fil-ħajja pubblika u l-aġir tagħha fil-passat, l-interess tal-pubbliku fil-mument meta saret it-talba, il-kontenut u l-forma tal-pubblikazzjoni kif ukoll ir-riperkussjonijiet ta' din il-pubblikazzjoni għall-imsemmija persuna, din tal-aħħar għandhiex dritt li l-informazzjoni inkwistjoni ma tibqax, attwalment, marbuta ma' isimha permezz ta' lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' dan l-isem.

78 Madankollu, għandu jingħad ukoll li, minkejja li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu jikkonstata li dan ma huwiex il-każ minħabba l-fatt li l-inklużjoni tal-link inkwistjoni hija strettament neċessarja għar-rikonċiljazzjoni tad-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data tal-persuna kkonċernata mal-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li jkunu potenzjalment interessati, dan l-operatur għandu, fi kwalunkwe każ, l-iktar tard meta ssir it-talba għat-tneħħija ta' referenza, jaġġusta l-lista ta' riżultati b'tali mod li l-istampa globali li tirriżulta għall-utent tal-internet tirrifletti s-sitwazzjoni ġudizzjarja attwali, li hija azzjoni li teħtieġ b'mod partikolari li l-links lejn paġni tal-internet li jinkludu informazzjoni dwar dan is-suġġett jidhru l-ewwel f'din il-lista.

79 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għar-raba' domanda hija li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

– minn naħa, l-informazzjoni dwar proċedura ġudizzjarja li jkollha persuna fiżika bħala s-suġġett tagħha kif ukoll, jekk ikun il-każ, dik dwar il-kundanna li rriżultat minnha, tikkostitwixxi data marbuta ma' "reati" jew ma' "kundanni kriminali" fis-sens tal-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46, u

– min-naħa l-oħra, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa obbligat li jilqa' talba għal tneħħija tar-referenza ta' links li jwasslu għal paġni tal-internet, li fuqhom tinsab tali informazzjoni, meta din l-informazzjoni tkun marbuta ma' stadju preċedenti tal-proċedura ġudizzjarja inkwistjoni u, fid-dawl tal-iżvolġiment ta' din tal-aħħar, ma tkunx għadha tikkorrispondi għas-sitwazzjoni attwali, sa fejn ikun ikkonstatat, bħala parti mill-verifika tar-raġunijiet ta' interess pubbliku ta' importanza msemmija fl-Artikolu 8(4) tal-imsemmija direttiva, li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, id-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata, żgurati mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, jipprevalu fuq dawk tal-utenti tal-internet li jkunu potenzjalment interessati, protetti mill-Artikolu 11 tal-Karta.

Fuq l-ispejjeż

80 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-projbizzjoni jew ir-restrizzjonijiet fir-rigward tal-ipproċessar ta' kategoriji partikolari ta' data personali, imsemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet, japplikaw, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti minn din id-direttiva, ukoll għall-operatur ta' mutur ta' tfittxija fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, tal-kompetenzi tiegħu u tal-possibbiltajiet tiegħu sa fejn huwa responsabbli għall-ipproċessar imwettaq matul l-attività ta' dan il-mutur, meta ssir verifika minn dan l-operatur, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, wara talba mressqa mill-persuna kkonċernata.

2) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) u (5) tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, bis-saħħa tagħhom, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa bħala prinċipju obbligat, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet previsti minn din id-direttiva, li jilqa' t-talbiet għat-tneħħija tar-referenza tal-links li jwasslu għal paġni tal-internet li fuqhom tinsab data personali li taqa' taħt il-kategoriji partikolari msemmija f'dawn id-dispożizzjonijiet.

L-Artikolu 8(2)(e) tad-Direttiva 95/46 għandu jiġi interpretat fis-sens li, skontu, tali operatur jista' jirrifjuta li jilqa' talba għat-tneħħija ta' referenza meta huwa jikkonstata li l-links inkwistjoni jwasslu għal kontenut li jinkludi data personali li taqa' taħt il-kategoriji partikolari msemmija f'dan l-Artikolu 8(1) iżda li l-ipproċessar tagħha jkun kopert mill-eċċezzjoni prevista fl-imsemmi Artikolu 8(2)(e), bil-kundizzjoni li dan l-ipproċessar jissodisfa l-kundizzjonijiet għal-legalità l-oħra kollha stipulati f'din id-direttiva u sakemm il-persuna kkonċernata ma jkollhiex, bis-saħħa tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(a) tal-imsemmija direttiva, id-dritt li toġġezzjona għall-imsemmi pproċessar għal raġunijiet gravi u leġittimi marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tagħha.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jirċievi talba għat-tneħħija tar-referenza ta' link lejn paġna tal-internet li fuqha tkun ġiet ippubblikata data personali li taqa' taħt kategoriji partikolari msemmija fl-Artikolu 8(1) jew (5) ta' din id-direttiva, dan l-operatur għandu, abbażi tal-elementi rilevanti kollha tal-każ u fid-dawl tas-serjetà tal-interferenza fid-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jivverifika, abbażi ta' raġunijiet ta' interess pubbliku ta' importanza msemmija fl-Artikolu 8(4) tal-imsemmija direttiva u fl-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti f'din l-aħħar dispożizzjoni, jekk l-inklużjoni ta' dan il-link fil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' isem din il-persuna, hijiex strettament neċessarja sabiex tiġi protetta l-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li jista' jkollhom interess li jaċċedu għal din il-paġna tal-internet permezz ta' tali tfittxija, stabbilita fl-Artikolu 11 tal-Karta.

3) **Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li,**

– **minn naħa, l-informazzjoni dwar proċedura ġudizzjarja li jkollha persuna fiżika bħala s-suġġett tagħha kif ukoll, jekk ikun il-każ, dik dwar il-kundanna li rriżultat minnha, tikkostitwixxi data marbuta ma' "reati" jew ma' "kundanni kriminali" fis-sens tal-Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46, u**

– **min-naħa l-oħra, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa obbligat li jilqa' talba għal tneħħija tar-referenza ta' links li jwasslu għal paġni tal-internet, li fuqhom tinsab tali informazzjoni, meta din l-informazzjoni tkun marbuta ma' stadju preċedenti tal-proċedura ġudizzjarja inkwistjoni u, fid-dawl tal-iżvolġiment ta' din tal-aħħar, ma tkunx għadha tikkorrispondi għas-sitwazzjoni attwali, sa fejn ikun ikkonstatat, bħala parti mill-verifika tar-raġunijiet ta' interess pubbliku ta' importanza msemmija fl-Artikolu 8(4) tal-imsemmija direttiva, li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, id-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata, żgurati mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, jipprevalu fuq dawk tal-utenti tal-internet li jkunu potenzjalment interessati, protetti mill-Artikolu 11 tal-Karta.**

Firem